**MALTA**

**TRIBUNAL TA’ REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**3 ta’ Awwissu 2023**

**Rikors Numru 10/2023**

**Manwel Xerri**

**Vs**

**Awtorità tal-Artijiet**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta’ **Manwel Xerri** ippreżentat fit-8 ta’ Frar 2023, li permezz tiegħu ppremetta s-segwenti:-

> *Illi r-rikorrent appellant intavola applikazzjoni mal-Awtorità ntimata bin-numru GLA12/2022/1325 ‘to request area for placing of kiosk selling beverage and snacks’ fiż-żona Triq ta’ Bwier, Għajnsielem, Għawdex;*
>
> *Illi l-Awtorità appellata bagħtet deċiżjoni datata tlieta (3) ta’ Frar, elfejn tlieta u għoxrin (03/02/2023) li permezz tagħha rrifjutat l-applikazzjoni tar-rikorrent a bażi li ‘The applicant is requesting an encroachment concession for the placing of a kiosk on a specific site. The proposal cannot be acceded to since the placing of a kiosk is considered to be an activity of a commercial nature. The awarding of any type of title against payment of a specific site for this type of use, without competiton runs counter to the spirit of Section 31 of the Government Lands Act’, deċiżjoni annessa u mmarkat bħala ‘Dok MX’;*
>
> *Illi r-rikorrent ħassu aggravat b’din id-deċiżjoni u għalhekk interpona dan l-appell quddiem dan l-Onorabbli Tribunal ai termini ta’ Artikolu 57 ta’ Kapitolu 563 tal-Liġijiet ta’ Malta.*

*AGGRAVJI*

*Illi l-aggravji tal-appellanti huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:*

*(1) Illi l-applikazzjoni tar-rikorrenti tissodisfa l-kriterji elenkati f'Artikolu 31(H), speċifikament li l-art hija għal skop temporanju u speċifiku kif ser jiġi muri waqt dawn il-proċeduri;*

*(2) Illi inoltre u assolutament mingħajr preġudizzju għal dak diġa' premess, tali permessi ta' encroachments għal kiosks u gabbani ilhom ferm jingħataw madwar Malta u Għawdex, u għalhekk dan il-fatt ħoloq aspettativa leġittima da parti tar-rikorrenti filwaqt li b'din id-deċiżjoni, għall-istess raġuni l-Awtorità ntimata ma mxietx bi prinċipji ta' ġustizzja naturali;*

*(3) Illi inoltre r-regolament li jirregolaw il-kiosks huma l-OCA Policy (Guidelines on Outdoor Catering Areas on Public Open Space), liema regolamenti ma ġewx menzjonati mill-Awtorità ntimata fid-deċiżjoni tagħha ta' rifjut;*

*(4) Illi mingħajr preġudizzju għall-aggravji ġia elenkati hawn fuq, l-Awtorità ma kkwotatx u ma ssostanzjatx id-deċiżjoni tagħha skond il-liġi jew policies tal-Awtorità appellata;*

*(5) Illi fl-aħħar net ir-raġuni li ngħatat mill-Awtorità ntimata ma tagħmel l-ebda sens, ċioe li ma setax jingħata permess ta' encroachment għal kiosk, iżda kellu jsir xi proċess b'tender u dan għax l-Awtorità kontinwament tagħti permessi b'encroachment għall-kiosks. Eżempju wieħed fost il-ħafna huwa Rikors 116/2021 fl-ismijiet Pawlu Sciberras vs Awtorità tal-Artijiet, deċiż minn dan l-Onorabbli Tribunal, li fiha r-raġuni li ngħatat mill-Awtorità biex tirrifjuta l-permess ta' encroachment kienet li, l-Awtorità ma tistax teċċedi għat-talbiet li kienu jfissru li l-art ser tiġi spezzetata 'piecemeal requests' u mhux għax l-Awtorità ma kinitx qed tagħti permessi ta' kiosks b'encroachment. Dan it-Tribunal di fatti kien laqa' appell tar-rikorrenti u ċaħad anke din id-deċiżjoni tal-Awtorità;*

*(6) Illi di piu jekk l-Awtorità jidhrilha li riedet toħroġ xi sit b'tender, dejjem setgħet tagħti l-permess ta' encroachment lir-rikorrenti, imbagħad meta jingħata s-sit b'tender, jiġi rtirat il-permess ta' encroachment, stante li l-liġi hija ċara u tagħti s-saħħa lill-Awtorità biex tirtira permess ta' encroachment x'ħin trid hi u taħt liema kondizzjonijiet li tiddetta l-istess Awtorità;*

*Għaldaqstant, in vista tal-aggravji premessi f'dan ir-rikors, u b'riserva li jitressqu aggravji ulterjuri, ir-rikorrenti jitlob lil dan it-Tribunal sabiex jikkanċella d-deċiżjoni tal-Awtorità ntimata datata 3 ta' Frar, 2023, u minflok jordna lill-Awtorità sabiex tirrevedi d-deċiżjoni u tiġi aċċetta l-applikazzjoni tar-rikorrenti mertu tal-appell de quo.*

Ra r-risposta **tal-Awtorità tal-Artijiet** ippreżentata fit-28 ta' Frar 2023, li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:-

*Illi l-Awtorita' ġiet notifikata bir-rikors fl-ismijiet su-ċitati nhar id-disgħa ta' Frar 2023 u ġiet mogħtija għoxrin ġurnata ċans biex tirrispondi skont il-liġi.*

*Illi dan l-Appell qiegħed isir minn deċiżjoni ta' rifjut mill-Awtorita' esponenti għat-talba tar-rikorrenti 'to request area for placing of kiosk spelling beverages and snacks' fiż-żona Triq ta' Bwier Għajnsielem Għawdex.*

*Illi l-Awtorita' tal-Artijiet irrifjutat din it-talba stante li 'The applicant is requesting an encroachment concession for the placing of a kiosk on a specific site. The proposal cannot be acceded to since the placing of a kiosk is considered to be an activity of a commercial nature. The awarding of any type of title against payment of a specific site for this type of use, without competition runs counter to the spirt of section 31 of the Government Lands Act'.*

*Illi r-rikorrent interpona dan l-umli appell fejn qajjem sitt aggravji u liema l-esponenti qiegħeda twieġeb kif ġej;*

***L-Ewwel Aggravju**;*

*Illi r-rikorrent isostni li l-applikazzjoni tar-rikorrenti tissodisfa l-kriterji elenkati f' Artikolu 31 (H). L-Esponenti tissenjala li apparti dak kollu allegat mir-rikorrent għandu jiġi ippruvat minn min jallegah, tissenjala wkoll li fid-deċiżjoni ta' rifjut tagħha hija indikat li n-natura tat-talba tmur kontra l-ispirtu tal-Artiklu 31 tal-Kap. 573 b' mod ġenerali. Dan in vista tal-fatt li n-natura tat-talba hija waħda kummerċjali, u fir-rigward ta' liema l-ispirtu tal-Artiklu 31 huwa li għandu jkun hemm proċess kompetittiv sabiex l-Awtorita' esponenti titrasferixxi xi art pubblika.*
*Illi apparti minn dan, l-Artiklu 31 (H) kwotat mir-rikorrenti jagħti diskrezzjoni assoluta lill-esponenti dwar jekk tħallix persuna tokkupa art tal-Gvern b' encroachment jew le, u dan b' referenza partikolari għad-diċitura tal-Artiklu 31(H)(i) 'Awtorita' **tista' tħalli** persuna jokkupa art tal-Gvern b' encroachment għall-użu temporanju u speċifiku'.*

***It-Tieni Aggravju**:*

*Illi r-rikorrent isostni wkoll li għandu aspettattiva leġittima li jingħata encroachment għaliex skontu dawn it-tip ta' permessi ilhom jingħataw madwar Malta u Għawdex. L-esponenti tibda billi tissenjala li dan l-aggravju ma jistax ireġi fuq żewġ binarji; fl-ewwel lok ma huwiex minnu li l-Awtorita' esponenti ilha tagħti dawn it-tip ta' permessi, hekk kif għall-minn tal-inqas l-aħħar sentejn, l-esponenti ma għadhiex tagħti konċessjonijiet bħall dawn. Għalhekk, jekk xejn irid ikun ir-rikorrenti li jipprova dak allegat minnhu.*

*Fit-tieni lok, anke jekk jirriżulta li l-Awtorita' tkun tat xi konċessjoni bħall dik mitluba, dan bl-ebda mod ma jista jingħad li joħloq xi aspettattiva leġittima fil-konfront tar-rikorrent, hekk kif tali aspettattiva tista' tirriżulta biss jekk naxxenti minn xi att dirett tal-esponenti fil-konfront tar-rikorrenti stess u fejn tkun tatù xi*

*forma ta' garanzija jew konferma li hija ser tagħtih konċessjoni bħall dik mitluba. Dan ma huwiex preżentament il-każ. Għalhekk lanqas ma huwa il-każ li l-esponenti ma mxietx mal-prinċipji ta' ġustizzja naturali.*

*Aktar minn hekk, l-esponenti tissenjala li ħadd m' għandu xi dritt sagrosant li jokkupa xi art tal-Gvern b' xi titolu jew ieħor iktar u iktar meta din l-okkupazzjoni tkun intiża esklussivament għall xi benefiċċju kummerċjali personali.*

***It-Tielet u r-Raba Aggravju:***
*Illi r-rikorrent isostni wkoll li l-esponenti ma semmietx l-OCA Policy fid-deċiżjoni ta' rifjut tagħha u ulterjorament jissenjala li naqset milli tissostanzja d-deċiżjoni tagħha skont xi liġi jew xi policy.*

*Illi l-esponenti tibda billi tissenjala kif fil-każ in eżami, u senjatament applikazzjoni għat-tqegħid ta' kiosk, l-Outdoor Catering Area Policy lanqas biss hija applikabbli. Di fatti dik l-policy titkellem u titratta biss kwistjonijiet ta' tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet (u/jew oġġetti oħra li jikkumplimentaw l-istess bħall ma huma umbrelel etc...) u bl-ebda mod ma tirregola jew titratta it-tqegħid ta' xi kiosk.*

*Illi għalhekk, l-esponenti kienet tkun inkorretta u ibbażat ruħha fuq policy li ma hijiex applikabbli, li kieku kellha tapplika l-OCA Policy. Apparti minn hekk, l-esponenti fir-rifjut tagħha kienet ċara li d-deċiżjoni tagħha hija ibbażata fuq dak li jrid l-artikolu 31 tal-Kapitlu 573, u għalhekk lanqas ma huwa minnhu li hija ma ssostantzjattx id-deċiżjoni tagħha bil-liġi applikabbli.*

***Il-Ħames Aggravju:***
*Illi r-rikorrent isostni wkoll li d-deċiżjoni mogħtija ma tagħmel l-ebda sens il-għaliex 'l-Awtorita' kontinwament tagħti permessi b'encroachment għal-kiosks.' Jgħaddi wkoll biex jikkwota Rikors 116/2021 kif preżentat quddiem u konsegwentament deċiż minn dan l-Onorabbli Tribunal.*

*Illi l-esponenti tindika, kif ġja indikat iktar il-fuq li ma huwiex minnhu li hija qiegħeda tagħti xi konċessjonijiet bħall dik preżentament mitluba, u dan ukoll kif ser jirriżulta mill-provi prodotti. Jiġi senjalat ukoll li d-deċiżjoni rispettiva tal-Awtorita' relattiva għar-rikors 116/2021 li ittieħdet qabel Novembru tal-2019, ukoll kienet waħda ta' rifjut, u dan hekk kif f' dak iż-żmien hija kienet diġà qiegħeda tirrifjuta applikazzjonijiet bħall dawn. Di fatti f' dawk il-proċeduri jirriżulta kif kienet inħarġet no objection (mhux bħall fil-każ odjern) u li l-Awtorita' xorta waħda irrifjutat l-applikazzjoni li kellha quddiemha in vista tal-prassi li ma tagħtiex konċessjonijiet bħall dawn. Ir-rifjut mogħti hemm hekk, kien rifjut standard kif jirriżulta min numru ta' kawżi li ġew inizzjati quddiem dan l-Onorabbli Bord kif presedut.*

*Illi għalhekk jekk xejn, dak ir-rikors huwa prova lil-Awtorita' ilha minn tal-inqas madwar sentejn tirrifjuta talbiet bħall dawn. Konsegwentament, filwaqt għalhekk li dak allegat mir-rikorrent ma huwiex minnhu, jirriżulta wkoll li d-deċiżjoni ta' rifjut hija waħda ibbażata fil-liġi, u in linja mal-ispirtu tal-leġislatur li ried li fejn*

*art tkun ser tiġi użata b' mod kummerċjali, jkun hemm proċess kompetittiv, bħall ma huwa il-proċess ta' tenders jew b' irkant fost l-oħrajn.*

***Is-Sitt Aggravju:***

*Illi r-rikorrent isostni wkoll li l-esponenti setgħat tikkonċedi l-encroachment mitlub u konsegwentament tirtira l-istess meta jidhrilha sabiex is-sit in kwistjoni joħroġ permezz ta' tender. Madankollu, l-esponenti tissenjala li kieku l-Awtorita' kellha tadotta din l-attitudni fl-għoti ta' konċessjonijiet bħall dawn, din l-attitudni ma tkunx idonea fl-ispirtu tal-liġi u l-prassi amministrattiva, anzi jekk xejn tkun attitudni abbużiva u mhix denja minn Awtorita' amministrattiva.*

***It-Talbiet:***

*Illi l-esponenti tirreferi għat-tieni parti tat-talba kif dedotta mir-rikorrent, u iġifieri sabiex dan it-Tribunal jordna li l-Awtorita' taċċetta l-applikazzjoni tar-rikorrenti. L-esponenti issostni li tali talba ma' tista' qatt tiġi milqugħa, u dan stante li ordni bħall dik, in linea mal-ġurisprudenza kemm ta' dan l-Onorabbli Tribunal, u kif ukoll tal-Qrati Ċivili, tkun qiegħeda tissostitwixxi id-diskrezzjoni tal-Awtorita' esponenti.*

*Għaldaqstant, dan l-Onorabbli Tribunal għandu jiċħad it-talbiet kollha mressqa quddiemu mir-rikorrent appellanti, u dan bl-ispejjeż interament għall-istess rikorrent appellanti.*

Ra d-dokumenti kollha ppreżentati;

Sema' x-xhieda;

Sema' t-trattazzjoni;

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għal sentenza.

## Ikkunsidra:

Illi r-rikorrent ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Awtorita` intimata kif kontenuta f'ittra datata 03 ta' Frar 2023 li permezz tagħha ġie nfurmat li l-applikazzjoni tiegħu *"to request area for the placing of kiosk selling beverages and snacks"* ġewwa Triq ta' Bwier, Għajnsielem, Għawdex kienet ġiet rifjutata għar-raġuni segwenti, u ċioe`:

***The applicant is requesting an encroachment concession for the placing of a kiosk on a specific site. The proposal cannot be acceded to since the placing of a kiosk is considered to be an activity of a commercial nature. The awarding of any type of title against payment of a specific site for this type of use, without the element of competition, runs counter to the spirit of Section 31 of the Government Lands Act (CAP 573).***

**Keiron Ellul,** *case officer* mal-Awtorita` intimata, xehed illi ġiet imfassla direzzjoni mill-Kap Eżekuttiv tal-Awtorita` intimata illi permessi ta' *encroachment* għal siti sabiex fuqhom jitpoġġew kjosks ma jingħatawx sakemm l-istess żona ma tkunx koperta b'*masterplan*. Spjega wkoll illi s-sitwazzjonijiet ta' kjosks li kien ingħatalhom permess ta' *encroachment* qabel ħarġet din id-direzzjoni, kienet li baqgħu iġeddu l-istess *encroachment* minn sena għal sena.

**Ir-rikorrent** xehed illi huwa għandu permess ta' *hawker* u jarma kjosk fuq ir-roti u jiċċaqlaq minn post għall-ieħor. Huwa spjega li jaf b'għadd ta' kjosks fissi li ngħataw permess ta' *encroachment* u għalhekk iħoss li qed jiġi diskriminat.

**Robert Vella**, Kap Eżekuttiv tal-Awtorita` intimata, xehed illi meta beda jokkupa l-kariga ta' Kap Eżekuttiv iddiskuta mal-Bord tal-Gvernaturi l-kwistjoni tal-*encroachments* għall-kjosks jew *hawkers*. Spjega li fl-ispirtu tal-artikolu 31 tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta huwa ħareġ direzzjoni biex l-art pubblika tiġi konċessa b'element ta' kompetizzjoni sakemm ma jkunx jirrigwarda xi talba sabiex jitpoġġew imwejjed u siġġijiet f'post partikolari u li allura jkun jagħmel sens li l-istess *encroachment* jingħata lil stabbiliment viċin. Mistoqsi kif allura ma' Malta u Għawdex kollu jeżistu diversi kjosks u li allura jingħataw permess ta' *encroachment* kull sena, ix-xhud wieġeb li dawn kienu ġew allokati l-*encroachment* qabel ġiet adottata d-direzzjoni spjegata iktar 'il fuq. Pero` stqarr ukoll illi kien hemm xi permessi fir-Ramla ta' Għawdex li ma ġewx imġedda. Ix-xhud irribadixxa li meta ssir talba għal permess ta' *encroachment* għal kjosk, irid ikun hemm ippjanar u jekk ikun hemm maħsub li f'dik iż-żona jista' jitħalla li jitpoġġa kjosk, allura mbagħad toħroġ l-offerta b'kompetizzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi mressqa jirriżulta li d-deċiżjoni appellata hija frott ta' direzzjoni da parti tal-Kap Eżekuttiv illi ma jibqgħux jingħataw permessi ta' *encroachment* biex jitpoġġew gabbani sakemm iż-żona ma tkunx ippjanata sabiex takkomoda tali żvilupp u sakemm ma jsirx proċess kompettitiv. Il-Kap Eżekuttiv spjega li din id-direzzjoni hija wkoll in linea mal-artikolu 31 tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi ċ-ċitat artikolu jirregola metodi differenti ta' trasferiment ta' art tal-Gvern, fosthom l-għoti ta' art b'*encroachment* għal użu temporanju u speċifiku. Illi fejn jidħlu permessi ta' *encroachment*, għalhekk il-liġi ma tispeċifikax illi jrid ikun hemm proċess kompetittiv bħal ma tispeċifika f'każijiet oħra. Madanakollu l-Kap Eżekuttiv kien tal-fehma illi waħda mill-kriterji biex ikun jista' jingħata *encroachment* huwa li proprju jkun hemm proċess kompetittiv. Illi filwaqt

li dan it-Tribunal jifhem illi huwa desiderabbli li jkun hemm dan il-proċess kompetittiv, u dan għaliex għandu jiġi massimizzat il-potenzjal tal-art pubblika jekk jiġi deċiż li din tiġi konċessa favur il-privat, min-naħa l-oħra il-leġislatur bl-ebda mod ma rabat l-għoti ta' permess ta' *encroachment* ma' proċess kompetittiv. Fejn ried li trasferiment b'titolu ieħor tkun regolata bi proċess kompettitiv, dan ġie tassattivament imsemmi fl-istess artikolu. Kwindi t-Tribunal huwa tal-fehma illi dik il-parti tad-deċiżjoni fejn il-permess ġie rifjutat għaliex imur kontra l-ispirtu tal-artikolu 31 tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta hija legalment żbaljata.

Illi magħdud dan kollu, min-naħa l-oħra, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Awtorita` intimata għandha kull dritt tfassal il-*policies* tagħha sabiex tiġi salvagwardata l-art pubblika u dan fil-qafas tad-doveri tagħha ai termini tal-artikolu 7 (2) (c) tal-Kapitolu 563 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioe` li ***"tamministra bl-akbar mod assolut sabiex isir l-aħjar użu tal-art kollha tal-Gvern ta' Malta."*** Illi pero` dan ma jfissirx illi fejn jirrigwarda permess ta' *encroachment* tista' tmur oltre li tistipula l-liġi u żżid kriterji li l-leġislatur ħass li m'għandhomx jiffiguraw fil-liġi.

Għaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma, illi filwaqt li l-Awtorita` intimata għandha kull dritt tirrifjuta applikazzjonijiet għal permessi ta' *encroachment* ibbażata fuq raġunijiet li joħorġu mil-liġi jew minn xi *policy* tagħha li tkun saret in konformita` mal-liġi, ma għandhiex dritt li tfassal direzzjoni bħal dik imfassla mill-Kap Eżekuttiv, anke jekk ċertament dan it-Tribunal jista' jifhem li dan sar biex jimmassimizza l-potenzjal tal-art pubblika. Illi huwa wisq probabbli li l-leġislatur ma daħħalx l-element ta' kompetizzjoni meta tratta permessi ta' *encroachment* għaliex dawn huma titoli prekarji u li jistgħu jiġu mwaqqfa minnufih mill-istess Awtorita`. Di piu` m'hemm xejn li jżomm lill-Awtorita` li tistipula hi l-prezz ġust li għandu jitħallas għal *encroachment*. Kwindi l-Awtorita` għandha l-mekkaniżmi kif timmassimizza hija stess il-potenzjal ta' art li tingħata b'*encroachment*. Illi bir-rispett kollu lejn l-argumenti mressqa mill-Kap Eżekuttiv dwar il-fatt illi jekk wieħed jingħata *encroachment* imbagħad ikun diffiċli ferm biex jiġi terminat l-istess *encroachment*, it-Tribunal iqis li din il-problema tinqala' biss fejn ma jkunx hemm rieda tajba li jsir infurzar kif suppost. Dan qiegħed jingħad għaliex il-liġi ma tagħti ebda protezzjoni lil min ikollu permess ta' *encroachment* u l-ebda persuna li għandha tali permess ma tista' tippretendi xi ħaġa iżjed milli tagħtiha l-liġi. In vista ta' dan il-pronunzjament it-Tribunal ma jarax li hemm lok li jidħol fl-aggravji l-oħra msemmija fir-rikors promutur.

Illi pero`, it-Tribunal jagħmel referenza għal aggravju mressaq mir-rikorrent fit-trattazzjonji orali tiegħu, u ċioe` li d-direzzjoni tal-Kap Eżekuttiv tal-

Awtorita` intimata fuq il-kwistjoni tal-*encroachment* għal kjosks hija waħda *ultra vires* il-poter li tagħtih il-liġi u dan stante li tali direzzjoni kienet tispetta lill-Bord tal-Gvernaturi. Illi għalkemm dan l-aggravju mhux inkluż fil-korp tar-rikors promutur, it-Tribunal iħoss li għandu jitrattah għaliex kien biss fil-mori ta' dawn il-proċeduri li r-rikorrent sar jaf min effettivament ħa d-deċiżjoni appellata u min kien ta d-direzzjoni hawn fuq imsemmija.

Illi ai termini tal-artikolu 14 (1) tal-Kapitolu 563 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar l-Awtorita` ta' l-Artijiet), il-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita` intimata għandu jkollu s-segwenti funzjonijiet, u ċioe`:

*(a) li jistabbilixxi l-linji regolatorji li għandhom jiġu segwiti mill-Awtorità. Fid-determinazzjoni ta' dawn ir-regoli, il-Bord għandu jsegwi linji gwida li jistgħu jiġu stabbiliti mill-Gvern;*
*(b) li jipprovdi uffiċċju ċentralizzat biex jirċievi u jipproċessa l-applikazzjonijiet u d-dokumenti;*
*(ċ) li jipprovdi uffiċċju ċentralizzat għall-ilqugħ u l-ipproċessar tal-ilmenti, rapporti u valutazzjoni tal-informazzjoni, relatati ma' allegat ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, u jikkoordina l-investigazzjonijiet meħuda mill-awtoritajiet kompetenti kull meta l-Awtorità hija tal-fehma li ksur għandu jiġi investigat;*
***(d) li jifformula, jimplimenta u jaġġorna l-pjanijiet u r-regoli relatati mal-promozzjoni tal-proprjetà kollha tal-Gvern, u materji oħra li jistgħu jkunu meħtieġa, anċillari, inċidentali jew li jwasslu għat-twettiq aħjar tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att;***
*(e) li jfittex il-kooperazzjoni ta', jew jagħmel arranġamenti ma' entitajiet jew persuni oħra biex ikun jista' jimmonitorja aħjar l-implimentazzjoni u l-konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att;*
*(f) biex jistabbilixxi għanijiet u strateġiji fit-tul u fil-qosor għall-amministrazzjoni xierqa tal-Awtorità;*
*(g) li jagħti parir lill-Ministru fuq l-għemil ta' linji gwida u r-regolamenti taħt dan l-Att;*
*(h) biex jagħmel ordnijiet taħt dan l-Att;*
*(i) li joħroġ dokumenti ta' gwida teknika li jistgħu jkunu meħtieġa minn żmien għal żmien;*
*(j) li jaħtar minn żmien għal żmien sotto-kumitati għall-fini ta' ġbir ta' rapporti tekniċi u, jew sabiex jiġu identifikati proċeduri li għandhom ikunu adottati.*

Min-naħa l-oħra, artikolu 15 (3) tal-Kapitolu 563 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula illi:

*L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv għandu jkun* ***responsabbli għall-implimentazzjoni tal-objettivi tal-Awtorità kif stabbiliti mill-Bord****. Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu u mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak hawn qabel imsemmi l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv għandu:*

*(a) jassumi s-superviżjoni u l-kontroll totali tad-Direttorati, inkluż it-twaqqif tal-Unitajiet, Diviżjonijiet u Sezzjonijiet li fil-fehma tal-Uffiċjal Kap Eżekuttiv jistgħu jkunu meħtieġa għall-funzjonament xieraq tal-Awtorità u jassenja lil dawn id-dipartimenti d-dmirijiet rispettivi tagħhom;*

*(b) jikkordina l-ħidma tad-Direttorati, Unitajiet,Diviżjonijiet u Sezzjonijiet u jassenja lid-Direttorati dmirijiet bħal dawn li huma minn, jew skont, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att vestiti f'dawk id-Direttorati, Unitajiet, Diviżjonijiet u Sezzjonijiet;*
*(ċ) jiżviluppa l-istrateġiji meħtieġa għall-implimentazzjoni kontinwa tal-objettivi tal-Awtorità;*
*(d) jagħti l-parir tiegħu dwar kull kwistjoni riferita lil ujew fuq xi kwistjoni li fuqha huwa jqis li l-parir tiegħu jkun meħtieġ jew spedjenti;*
*(e) iwettaq dawk il-funzjonijiet u d-dmirijiet li l-Ministru jista' jassenjalu minn żmien għal żmien;*
*(f) jistabbilixxi u jikkordina gruppi li jiġu mwaqqfa minn żmien għal żmien biex jifformulaw regolamenti.*

Illi fil-fehma tat-Tribunal, minn qari ta' dawn id-disposizzjonijiet, il-Kap Eżekuttiv m'għandu ebda poter li jfassal xi *policy* jew jagħti direzzjoni bħal dik in kwistjoni. Filwaqt li jista' jkun li l-Kap Eżekuttiv kellu diskussjonijiet mal-Bord tal-Gvernaturi, ma ġew prodotti ebda minuti li jindikaw li l-Bord ta xi poter lill-Kap Eżekuttiv biex ifassal il-politika tal-Awtorita`intimata. Dak li ġie ppreżentat huwa Delega li l-Bord ta lill-Kap Eżekuttiv fit-2 ta' Marzu 2021 li tgħid is-segwenti, u ċioe`:

1. ***Delega tas-segħtat għall-Kap Eżekuttiv***

***201/2021***

***Il-Kap Eżekuttiv spjega kif fil-passat kien hemm delega indirizzata lilu sabiex tagħtih il-poter iwettaq funzjonijiet skont kif miftiehem. Huwa spjega kif fid-delega kkomunikata f'Awwissu tal-2019, il-Bord ġie msemmi li għandu dawn il-funzjonijiet: tfassil tal-politika tal-Awtorità; l-approvazzjoni tal-esproprji; l-approvazzjoni tal-permuti; u l-approvazzjoni ta' trasferimenti ta' valur ikbar minn ħames mitt elf Euro (€500,000), filwaqt li l-bqija tal-funzjonijiet jiġu delegati lill-Kap Eżekuttiv. Il-membri tal-Bord innotaw illi ma' din il-lista jrid jiżdied il-fidi ta' ċnus minħabba provedimenti fil-Liġi. Il-Bord ħa nota ta' din id-delega u ddiskuta l-importanza li l-Bord għandu jkun responsabbli mill-politika u mill-proċeduri stabiliti. Huwa ddiskuta wkoll l-importanza li jkun hemm uffiċju ta' l-Awdituri b'saħtu u li tkun studjata l-possibilità li jkun hemm Kumitat tal-Verifika. Il-Bord saqsa li jkollhom kopja tad-delegi passati***.[1]

Illi din id-delega, jekk xejn, tikkonferma li l-Bord dejjem irriserva għalih it-tfassil tal-politika tal-Awtorita` u li għandu jkun responsabbli mill-politika u mill-proċeduri stabbiliti. Illi għaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma illi r-rikorrent għandu raġun meta saħaq illi l-Kap Eżekuttiv ma kellu ebda poter li joħroġ direzzjoni li m'għandu jingħata ebda *encroachment* għal post fiss għal kjosks sakemm is-sit partikolari ma jkunx fil-qafas ta' *masterplan* u

[1] Dokument RV1 a fol. 91

jinħareġ b'sejħa għall-offerti. Illi t-Tribunal josserva illi ma nġabet ebda prova illi din id-direzzjoni jew politika li qed tħaddan l-Awtorita` intimata hija xi politika tal-Bord tal-Gvernaturi. Filwaqt li l-Kap Eżekuttiv xehed illi ddiskuta mal-Bord każ partikolari li dak iż-żmien kien quddiem il-Bord, pero` ma nġabet ebda prova li l-istess Bord ħareġ xi direzzjoni ġenerali jew politika li l-Awtorita` kellha ssegwi.

Illi għaldaqstant dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Kap Eżekuttiv ma setax jarroga fuqu nnifsu poter li l-leġislatur ħalla f'idejn il-Bord tal-Gvernaturi, u kwindi d-deċiżjoni appellata hija nulla u bla effett anke minn dan il-lat.

Għaldaqstant, it-Tribunal, huwa tal-fehma illi d-deċiżjoni appellata hija monka minn żewġ aspetti, u ċioe`, ir-raġuni mogħtija għar-rifjut tal-applikazzjoni odjerna hija waħda legalment żbaljata u wkoll għaliex il-bażi tal-istess deċiżjoni hija direzzjoni li ħarġet mill-Kap Eżekuttiv u mhux mill-Bord tal-Gvernaturi. B'referenza għat-talba tar-rikorrent sabiex jordna lill-Awtorita` intimata taċċetta l-applikazzjoni tiegħu, it-Tribunal jirrileva li l-kompetenza tiegħu hija limitata sabiex jirrevedi deċiżjonijiet amministrattivi iżda mhux li jordna li l-applikazzjoni tar-rikorrent tiġi aċċettata, liema deċiżjoni għandha titħalla dejjem għad-diskrezzjoni tal-awtorita` kompetenti.

**DECIDE**

Għaldaqstant it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq premessi u fit-termini hawn fuq imfissra, qiegħed jilqa' l-appell tar-rikorrent fis-sens illi qiegħed jannulla d-deċiżjoni appellata tat-3 ta' Frar 2023, u konsegwentement jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-Awtorita` intimata.

Spejjeż a karigu tal-Awtorita` intimata.

---

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

---

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**